Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 112/2020 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI IPPREŻENTATA TAĦT L-ARTIKOLU 253(E) TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA BIN-NUMRU 1036/2020 FL-ISMIJIET: **NO DEPOSIT CARS MALTA LTD** (C 85780) V. **NEIL ANTHONY FENECH** (K.I. NRU. 221081M)

(OPPOSIZZJONI GĦALL-EŻEKUZZJONI TA' KAMBJALA TAĦT L-ART. 253(E) TAL-KAP. 12 – META KAMBJALA MA' TKUNX ĠIET IFFIRMATA MIT-TRAENT LI JKUN ANKE L-BENEFIĊĊJARJU)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Mejju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Neil Anthony Fenech ("ir-rikorrent") ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2020[1] kontra l-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata"),

wara li rat l-ordni *in camera* tagħha tad-29 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha l-Qorti *inter alia* ordnat lill-kumpanija intimata sabiex jekk tixtieq tippreżenta risposta tagħmel dan fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika[2],

wara li rat li r-rikors promotur ġie notifikat lill-kumpanija intimata fis-7 ta' Awwissu 2020[3] iżda din baqgħet ma' daħlitx risposta entro t-terminu stipulat,

---

[1] Fol 1
[2] Fol 7
[3] Fol 13 wara

wara li rat li fl-ewwel seduta, ċioe dik tat-2 ta' Novembru 2020, li għaliha l-kumpanija intimata kienet skużata milli tidher stante n-nuqqas ta' disponibilita' tal-avukati li kienu qed jippatroċinjawha, il-Qorti tatha l-fakolta' illi tippreżenta r-risposta tagħha entro ġimgħa minn dakinhar[4],

wara li rat li l-kumpanija intimata ppreżentat ir-risposta tagħha fis-26 ta' Novembru 2020,

wara li rat li fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020 il-Qorti ordnat l-isfilz ta' din ir-risposta peress illi din *"la daħlet fi żmien 20 ġurnata min-notifika u lanqas daħlet fi żmien akkordat lilha mill-Qorti fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020"* u b'hekk il-Qorti iddikjarat lill-kumpanija intimata bħala kontumaċi[5],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kawża u x-xhieda prodotti,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali u l-osservazzjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Rebecca Mercieca,
- tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. Maria Margo Zammit Fiorentino,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Ir-rikors promotur

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors, il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali datati 23 ta' Dicembru 2019, 23 ta' Jannar 2020, 23 ta' Frar 2020, 23 ta' Marzu 2020, 23 ta' April 2020 u 23 ta' Mejju 2020 ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Ir-raġunijiet li ta r-rikorrent fil-qosor huma s-segwenti:

    1. Element nieqes fil-kambjali: il-firma ta' No Deposit Cars Malta Ltd.
    2. Stagħnar indebitu.
    3. Obbligazzjoni naxxenti minn ftehim ibbażat fuq kawża illeċita,
    4. Il-kunsens vizzjat tar-rikorrenti u l-*mala fede*

3. L-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif ġej:

---

[4] Fol 15
[5] Fol 16

*'253. Huma titoli esekuttivi:*
*...*
*(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:*

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso.'*

4. Fil-qosor il-fatti in retroxena kienu s-segwenti:

    1. Ir-rikorrent xtara b' titolu ta' *hire purchase* mingħand il-kumpanija intimata vettura tal-għamla Toyota Yaris, bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG 563. Il-bejgħ ta' din il-vettura huwa regolat permezz ta' ftehim bejn il-partijiet datat 23 ta' Diċembru 2019 esebit in atti.
    2. Kontestwalment mal-ftehim ir-rikorrent iffirma 60 kambjala bl-import ta' € 220 il-waħda.

    3. Fit-18 ta' Ġunju 2020 l-intimata ppreżentat ittra uffiċjali bin-numru 1036/2020 sabiex trendi eżekuttivi l-kambjali datati 23 ta' Dicembru 2019, 23 ta' Jannar 2020, 23 ta' Frar 2020, 23 ta' Marzu 2020, 23 ta' April 2020 u 23 ta' Mejju 2020. L-ittra uffiċjali ġiet notifikata lir-rikorrent fl-1 ta' Lulju 2020 u dsatax-il ġurnata wara dan ippreżenta r-rikors odjern għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali.

5. Il-kompitu tal-Qorti f'rikors ta' din in-natura huwa li tara jekk *prima facie* jirriżultax illi:

    1. Il-firem fuq il-kambjali m'humiex tal-persuna li qed titlob is-sospensjoni tagħhom (i.e. tat-trattarju ossia' tal-persuna li hija ordnata tħallas magħrufa bl-Ingliż bħala "*drawee*") U/JEW

    2. Hemm raġunijiet oħra **gravi** u **validi** għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali

**Nuqqas tal-firma ta' No Deposit Cars Malta Ltd**

6. L-ewwel kawżali mressqa mir-rikorrenti hija dik illi l-kambjali ma' ġewx iffirmati mill-kumpanija intimata u għalhekk huma nulli.

7. Ta' min jgħid illi hawnhekk ir-rikorrenti mhux qed jgħid illi l-firem tiegħu, bħala t-trattarju ("drawee"), m'humiex ġenwini jew m'humiex tiegħu. Li qed jgħid huwa illi fuq dawn il-kambjali m'hemmx il-firma tal-persuna li ġibdithom ("drawer") ossia' tal-kumpanija intimata, u għalhekk dawn huma nulli.

8. M'hemmx dubbju għall-Qorti illi jekk jirriżulta illi kambjala hija nieqsa minn xi rekwiżiti essenzjali tagħha, din tkun raġuni gravi u valida biżżejjed sabiex tiġi sospiża l-esekuzzjoni tagħha mhux l-anqas għaliex tali raġuni tkun tolqot is-siwi tal-kambjala nfusha.

9. Skond l-Artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta):

    '*123. Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u **għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha*** (enfasi miżjuda).'

10. Prof V. Caruana Galizia fin-*Notes on Bills of Exchange* jgħid hekk dwar ir-rekwiżit tal-firma tat-traent:

    "*The signature of the drawer. This is the most important and most essential requisite of a bill of Exchange, and the reasons are obvious. The drawer of a bill must put his*

*signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner; without it no action can be maintained against the acceptor either as such or as the maker of a promissory note...The signature of the drawer is usually subscribed in the right hand corner. It is to be noted that what the law requires is that a bill is signed by the drawer, but it does not provide that all the other particulars of the bill should be written in person."*

11. Fil-kawża in konsiderazzjoni l-kambjali inħarġu/inġibdu mill-kumpanija intimata bħala t-traent (*drawer*) fuq ir-rikorrent bħala t-trattarju (*drawee*) li wera l-aċċettazzjoni tiegħu bil-firma tiegħu fuq kull kambjala. Dawn il-kambjali nħarġu pagabbli lill-kumpanija intimata nnifisha li għalhekk kienet kemm il-persuna li ġibdet il-kambjali (*drawer*) u anke l-persuna li għall-ordni tagħha kellhom jitħallsu (*payee*). Din hija permissibbli mill-liġi nnifisha li tipprovdi għaliha fl-Art. 127 tal-Kodiċi Kummerċjali:

    *'127.Il-kambjala tista' tinġibed għall-ordni ta' terza persuna,* ***jew għall-ordni ta' dak stess li ġibidha*** (enfasi miżjuda)'

12. Fuq din il-materja, Prof V. Caruana Galizia jgħid hekk:

    *" Any person may be named in a bill as the payee thereof, including the drawer himself. Sec. 183 lays down that a bill of exchange may be drawn to the order of a third party or to the order of the drawer himself. In fact it may be in the interest of a trader to draw a bill to his own order upon his debtor, not only to have the latter bound thereby, but also to be able to realize and negotiate his debt before the actual date of maturity, i.e.. by discounting or endorsing the bill. In this case, the bill is juridically complete the moment it is signed by the drawer , who is also the payee thereof; but it is clear that a bill so drawn cannot produce all its legal effects unless and until it is endorsed by the drawer in favour of a third party."*

13. L-abbli difensur tal-intimata fl-osservazzjonijiet finali tagħha saħqet illi l-kambjali in kwistjoni inġibdu mir-rikorrenti fuqu nnifsu favur l-intimata u għalhekk huwa għandu jitqies bħala t-traent (*drawer*) u mhux l-intimata li hija biss l-*payee*. Il-Qorti ma' taqbilx. Qabel xejn hija prassi li l-firma tat-traent tkun in kalċi tat-test tagħha fuq ix-xellug (*right hand corner*) u filfatt il-kambjali jindikaw l-isem tal-kumpanija intimata f'din il-posizzjoni, għalkemm imbagħad din tal-aħħar ma' ffirmatx fuq isimha. Iżjed importanti minn hekk però rriżulta b'mod ċar mill-provi li l-kambjali

nħarġu mill-kumpanija intimata stess (favuriha) u mhux mir-rikorrent illi l-unika ħaġa li għamel kien illi jiffirmahom meta dawn ġew ippreżentati lilu.

14. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 xehed ir-rikorrent **Neil Anthony Fenech** li *inter alia* spjega li:

"*Ghall-habta ta' Dicembru tat- 2019 jiena ghamilt negozju ma' dawn tan- No Deposit Cars. Tlajt tajthom il- kappara li talbuni u tal- insurance u ffirmajt il-karti. Kif tani mazz karti qalli ffirmali hawn. Ghidtlu dawn x' inhuma ghax jien bl- ingliz ma nafx naqra. Qalli tal- kambjali dawn. Wara xi eighteen (18) jew twenty (20) days ghamluli d- delivery tal- karozza.*"

15. Il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita illi l-kambjali mertu ta' din il-kawża kienu ppreparati minn qabel mill-kumpanija intimata u nġibdu minnha fuq ir-rikorrent li ffirmahom biex b'hekk sar l-aċċettant u b'hekk obbliga ruħu li jħallas għall-ordni tal-kumpanija intimata (li hija kemm il-*payee* u kemm id-*drawer*).

16. Fit-trattazzjoni finali l-abbli difensur tal-kumpanija intimata qajmet l-argument illi fil-kawża **Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Limited et.** (Rik. 297/2008, 11/03/2009), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet saħqet illi l-firma tal-kreditur m'hijiex daqstant importanti meta l-kambjala ma' tkunx ġiet iġġirata. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti kienet qalet preċiżament kif ġej:

*"Fil-fehma tal-Qorti l-importanti huwa dakinhar li ffirma d-dokumenti r-rikorrenti ħoloq rapport ġuridiku ta' debitur fil-konfront tal-intimat, u allura ma jistax issa jiċħad dak ir-rapport – ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Giordmaina vs Joseph Pace deċiża fis-16 ta' Jannar 2003 fejn il-qorti qalet li meta l-kawża tkun bejn il-partijiet inizjali, u cioè li l-kambjala ma tkunx ġiet iġġirata, il-firma tal-kreditur m'hijiex daqshekk importanti ..."*

17. Ta' min jgħid illi l-Qorti tal-Appell kienet dawret is-sentenza tal-Ewwel Qorti permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Frar 2012 fejn għalkemm ma' kkummentatx direttament fuq l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-firma tal-kreditur fuq kambjala li ma' tkunx ġiet ġirata m'hijiex essenzjali, *inter alia* qalet illi l-argumenti tal-Ewwel Qorti kienu mibnija fuq il-premessa żbaljata illi l-kambjala kienet inġibdet mill-intimat *qua* kreditur (jew benefiċċjarju/*payee)* li ma' ffirmahiex, mentri fil-verità kienu r-rikorrenti *qua* debituri li filfatt ġibdu u aċċettaw l-kambjala u dawn kienu

ffirmaw fiż-żewġ istanzi (i.e. kemm fil-post fuq ix-xellug isfel fejn jiffirma t-traent u kemm fil-post fuq il-lemin isfel fejn jiffirma t-trattarju). Fi kliem ieħor f'dik il-kawża r-rikorrenti debituri kienu ġibdu l-kambjala (traenti ossia' *drawers*) fuqhom infushom (trattarji ossia' drawees), liema kambjala huma aċċettaw (aċċettanti ossia *acceptors*) li jħallsu a favur l-intimat kreditur (benefiċċjarju ossia *payee*). Ma' kien hemm l-ebda firem neqsin fuq il-kambjala u għalhekk din kienet meqjusa bħala valida u regolari. F'dak il-kuntest għalhekk verament ma' kien hemm l-ebda ħtieġa għall-kreditur *(payee*) li jiffirma, għalkemm mhux għall-istess raġunijiet indikati mill-Ewwel Qorti li f'dak l-istadju kienet qed tqis li l-kreditur (*payee*) kien ukoll it-traent (drawer).

18. Jista' jagħti l-każ ukoll illi fil-kawża fuq ċitata l-Ewwel Qorti setgħet ġiet indotta fi żball meta hija rreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **John Giordmaina et. v. Joseph Pace et.** (Ċit Nru 3391/1996/2, 16/01/2003) sabiex issostni l-posizzjoni tagħha illi l-firma tal-kreditur fuq kambjala m'hijiex meħtieġa *ad validatem.* F'dik il-kawża l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet qalet hekk:

*"Apparti dan, din il-Qorti bir-rispett lejn minn esprima veduti kuntrarji, mhux perswaza li l-firma tal-kreditur fuq il-kambjala hi mehtiega ad validitatem. Il-ligi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min harigha, u mhux ukoll minn minn jaccettha; l-importanti hu li min ikun obbligat taht kambjala ikun iffirma l-istess bhala forma solenni li hu accetta li jhallas l-ammont indikat. Il-Professur Felice Cremona fil-kitba tieghu "Notes on Commercial Law – Part II", f'pagna 274 jghid li "The drawer of a bill of exchange must put his signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner". Hekk ukoll, l-awtur T. G. Reeday, fil-ktieb " The Law Relating to Banking" jghid (pagna 331) li, "A bill of exchange is an unconditional order in writing, addressed by one person to another, signed by the person giving it, requiring the person to whom it is addressed to pay on demand or at a fixed or determinable future time a sum certain in money to or to the order of a specified person or to bearer". Il-kreditur irid jaccetta dik l-obbligazzjoni, pero`, mhux mehtieg li din l-accettazzjoni jimmanifestha bl-istess formalita' u solennita`. Il-fatt li accetta u zamm il-kambjala hija prova bizzejjed tal-accettazzjoni tieghu."*

Id-debitur Pace kien il-persuna li ġibed il-kambjala fuqu u aċċetta li jħallas lill-benefiċċjarju kreditur Giordimaina *(payee).* Pace kien qajjem l-eċċezzjoni illi Giordimaina kellu jiffirma ukoll il-kambjala bħala l-persuna kreditur li aċċetta li

jitħallas. Il-Qorti ġustament ma' qablitx. Huwa ċar però illi meta l-Qorti rriteniet illi l-firma tal-kreditur fuq kambjala ma' kienetx meħtieġa *ad validatem* **hija għamlet hekk fil-kuntest ta' meta l-kreditur ikun biss il-BENEFIĊĊJARJU (*payee*) fuq il-kambjala u mhux ukoll it-traent (*drawer*) li ġibidha**. Tant hu hekk illi l-istess Qorti kienet ċara meta fl-istess nifs qalet illi *"il-liġi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min ħariġha"*. Għalhekk dak li ppronunzjat l-Ewwel Qorti f' **John Giordmaina et. v. Joseph Pace et.**, kif ġiet ikkwotata ukoll imbagħad mill-istess Qorti b'mod f'**Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Limited**, ma' japplikax għall-kawża odjerna fejn l-intimata *qua* kreditur hija kemm il-benefiċċjarju tal-kambjala (*payee*) u kif ukoll il-persuna li ħarġet/ġibdet il-kambjala (traent / *drawer*).

19. Fil-kawża *de quo* l-Qorti għandha biss quddiemha l-kopji tal-kambjali[6], liema kopji ġew esebiti mir-rikorrent fix-xhieda tiegħu. Darba jirriżulta lill-Qorti li dawn il-kambjali ma' ġewx iffirmati mit-traent, allura dawn huma neqsin minn element essenzjali tagħhom u ċertament il-Qorti ma' tistax ħlief tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom. Għalhekk il-Qorti m'għandiex għalfejn tidħol fil-mertu tal-kawżali l-oħra mressqa mir-rikorrent fir-rikors tiegħu

**Deċiżjoni**

20. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrent għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali datati 23 ta' Dicembru 2019, 23 ta' Jannar 2020, 23 ta' Frar 2020, 23 ta' Marzu 2020, 23 ta' April 2020 u 23 ta' Mejju 2020 għar-raġuni li dawn ma' ġewx iffirmati mit-traent u kwindi huma neqsin minn rekwiżit essenzjali tagħhom.**

**Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

---

[6] Fol 32-33